MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**MAGISTRAT DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 1/2008

**Sonia Vella**

**Vs**

**Victor Vella**

Permezz ta’ din il-kawza l-attrici qeghda titlob il-firda personali minn ma’ zewgha minhabba swat, vjolenza, ingurji gravi, sevizzi, mohqrija u glied min-naha tal-konvenut. Qeghda titlob ukoll dikjarazzjoni li zewgha ddekada mid-drittijiet kif kontemplat fl-Artikoli 48-51 tal-Kodici Civili, xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u li taqsam il-gid skond il-ligi. Inoltre talbet li tinghata access ghal uliedha Johann u Warren ahwa Vella, u biex il-qorti tawtorizzaha tkompli tghix fil-fond matrimonjali (Appartament numru 8, Blokk EB, tac-Cawla, Victoria, Ghawdex) bl-eskluzjoni ta’ zewgha.

Fil-11 ta’ Frar 2008 il-konvenut ipprezenta risposta guramentata hu wiegeb li:-

1. Il-paragrafi fir-rikors guramentat m’humiex numerati skond il-ligi.
2. Jaqbel li tinghata dikjarazzjoni ta’ separazzjoni, b’dan li z-zwieg tkisser minhabba ingurji, sevizzi, mohqrija u adulterju ta’ martu.
3. Hi martu li ghandha tiddekadi mid-drittijiet kif kontemplat fl-Artikoli 48-51 tal-Kodici Civili.
4. Joggezzjona li martu tinghata t-tgawdija tal-fond matrimonjali li hu dritt parafernali tieghu.
5. M’ghandux jithallas manteniment lill-attrici ghaliex hi kienet responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg u qeghda tghix ma’ ragel iehor li qieghed imantniha. Inoltre t-tfal dejjem ghexu mal-missier u l-attrici qatt ma kkontribwit ghat-trobbija taghhom.
6. Dwar l-access ghas-subien, illum ghandhom certa eta u ghalhekk ghandhom jinstemghu qabel ma tinghata decizjoni dwar l-access.

Konsiderazzjonijiet:-

1. **<u>Responsabbilta’ ghall-firda</u>**.

Il-kontendenti zzewwgu fit-8 ta’ Marzu 1988 u kellhom tlett itfal, Christiana, Warren u Johann li llum il-gurnata huma kollha maggorenni. Dan hu kaz pjettuz fejn familja tkissret minhabba l-vizzju tad-droga. Mill-provi rrizulta li l-attrici kienet bdiet tiehu d-droga meta kien ghad ghandha biss sittax-il sena u gharusa lill-konvenut. L-attrici qalet: *“Dak iz-zmien ma kienx hawn it-taghlim li hawn illum. Ma kienx tort ta’ Victor li jiena bdejt niehu d-droga. Konna niltaqghu ma’ xi hbieb u dawn ihajjruna, u ahna konna niehdu flimkien.”* (fol. 196). Jirrizulta li l-konvenut kien xellef dufrejgh mal-gustizzja qabel iz-zwieg. Hekk per ezempju:-

a. Fil-21 ta’ Awwissu 1985 gie misjub hati li kellu fil-pussess tieghu raza mehuda mill-pjanta cannabis u gie kkundannat ihallas multa ta’ Lm100;

b. Fl-10 ta’ Dicembru 1987 gie misjub hati ta’ pussess ta’ cannabis u eroina u li pprokura dawn id-drogi lil haddiehor. Il-qorti ma tatx piena karcerarja wara li l-qorti osservat li fi zmien qasir kien ser jizzewweg u kien qieghed jahdem bhala panel beater u sprayer *“fejn huwa mqabbad tajjeb”*.

Fis-snin disghajn il-koppja segwit programm ta’ rijabilitazzjoni, u t-tfal taghhom ghamlu zmien ighixu f’Lourdes Home. Jidher li l-konvenut irnexxielu johrog minn din it-tip ta’ hajja, u jmidd rasu ghax-xoghol u bena negozju mix-xejn. Fil-fatt ghandu Small Boy Garage fix-Xaghra, Ghawdex fejn jaghti servizz ta’ panel beating u spray painting.

Fl-2006 l-attrici bdiet tikkoabita ma’ certu Grezzju Spiteri, ragel li hu ikbar minnha sittax-il sena u ricentement kellha wkoll tarbija barra miz-zwieg. L-attrici tidher li ghadha qeghda ssib diffikulta’ u ma gietx ghal kollox fuq saqajha. F’dan il-kuntest issir riferenza ghal sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Maria Assunta Vella deciza fit-2 ta’ Lulju 2009 fejn l-attrici, fuq ammissjoni, giet misjuba hatja ta’ pussess ta’ kokaina fis-16 ta’ Gunju 2009 u giet liberata bil-kundizzjoni li ma tikkomettix reat iehor fi zmien sentejn.

Il-hajja matrimonjali ma kenitx facli. Il-konvenut stess ammetta li kien hemm okkazzjonijiet meta hu sawwat lil martu. Hu pprova jiggustifika ruhu billi qal li kien imur lura d-dar u *“... insibha mdamdma. Kienet tqabbadni xebgha nervi nara lit-tfal kif inhuma traskurati. Kont inkellimha, kienet tkellimni b’mod illi jidher illi hi mhix f’sensiha; jiena kont nirrabja. Jiena kont nippreferi li ma mmurx id-dar ghaliex nibza minni nnifsi.”* (fol. 235). Wara li semghet il-provi l-qorti hi moralment konvinta li filwaqt li l-attrici ma setghetx tigi ghal kollox fuq saqajha, zewgha ma kienx kapaci jghinha. Hu kien iqatta’ hafna mill-hin tieghu ix-xoghol u l-attrici tipprova trabbi tlett itfal, ghalkemm il-kundizzjoni taghha ma kenitx qeghda tghin l-affarijiet. Ix-xenarju fid-dar ma kienx sabih fejn l-attrici kienet tqatta’ hafna hin tara t-television jew torqod. Il-qorti m’hijiex

konvinta li l-konvenut ghen lil martu u jidher li kien qata’ qalbu li ser tigi ‘l quddiem. Ovvjament dan kollu gab tbatija ghat-tfal. Meta l-koppja ma baqghux ighixu flimkien, it-tfal marru jghixu ma’ missierhom ghaliex il-konvenuta ma kenitx f’kundizzjoni li ddur bihom. It-tifla Christiana kien ghad ghandha tnax-il sena u spiccat taghmel ix-xoghol tad-dar kollu u fl-istess hin tipprova tlehhaq mal-iskola.

Il-konvenut jallega li z-zwieg tkisser minhabba adulterju min-naha ta’ martu. F’dan ir-rigward ma ressaq l-ebda prova. Meta l-attrici bdiet relazzjoni ma’ Grezzju Spiteri z-zwieg kien diga’ sfaxxa.

L-atteggjament tal-attrici ma kienx jiggustifika l-atteggjament xejn komplimentuz ta’ zewgha. F’dan il-kuntest ghandu htija. Kienu x’kienu l-problemi ta’ martu, li ovvjament kienu qeghdin ihallu impatt hazin fuq il-familja, il-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jerfa’ jdejh fuqha. Is-swat ma jista’ jigi gustifikat taht l-ebda cirkostanza. Ghalkemm mill-provi jidher li l-konvenut kien jahdem u mill-aspett materjali qatt ma naqas lill-familja, dan m’huwiex bizzejjed. Hu evidenti li l-konvenut kien mitfuh fuq xogholu u l-problemi tad-dar kien ihallihom warajh. L-attrici thalliet tghum wahedha fil-maltemp fi zmien meta kellha l-iktar kellha bzonn ta’ zewgha.

Min-naha l-ohra l-attrici ma tistax tipponta biss subghajha lejn zewgha. Ghalkemm jidher li fid-dar kienet tipprova taghmel hilitha sabiex taghti s-sehem taghha, il-vizzju tad-droga ma kienx jippermettilha li topera kif xtaqet. Sfortunatament, il-vizzju kien iktar b’sahhtu mir-rieda taghha biex tiehu hsieb taghha nnifisha u tal-familja taghha, b’mod li qatt ma rnexxielha tigi fuq saqajha. Dan minkejja li din il-problema gabet hafna tensjoni bla bzonn fuq il-familja.  Ghalkemm l-attrici ssostni li m’ghadix bil-vizju, il-qorti m’hijiex konvinta li dan hu minnu. Minkejja li l-konvenut ma ghamilx talba rikonvenzjonali li permezz taghha talab il-firda ghal raguni li tissemma fil-ligi, m’hemm xejn milli jzomm lill-qorti milli tikkonkludi li z-zwieg ma tkissirx biss minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut. Wara kollox f’kawza ta’ din ix-xorta l-qorti trid tistabilixxi x’kienet ir-raguni ghat-tifrik taz-zwieg.

Fil-fehma tal-qorti z-zwieg tkisser irrimedjabilment, u fl-istess hin kull parti ghandha responsabbilta ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg.

2. **Manteniment**.

Permezz ta' digriet li nghata fl-4 ta' Dicembru 2007 il-konvenut gie ordnat li jhallas lil martu s-somma ta' €349.40 kull xahar.
Fil-fehma tal-qorti dan il-hlas m'ghandux jibqa' jsir gialadarba:-

a. Il-kontendenti sseparaw *de facto* f'xi zmien bejn l-2003 u l-2004. Minn dak iz-zmien ghaddew iktar minn hames snin u matulhom kull parti kompliet b'hajjitha. L-attrici, kieku riedet, kellha kull opportunita' li ssib xoghol iktar u iktar meta tqies li ma kellix il-piz tat-trobbija tat-tfal ghaliex kienu qeghdin ighixu ma' zewgha u kien hu li ha hsieb il-bzonnijiet kollha taghhom.
b. Ir-responsabbilta' ghat-tifrik taz-zwieg ghandha tingarr miz-zewg partijiet.
c. L-attrici ilha s-snin tikkoabita ma' ragel iehor, Grezzju Spiteri, u ricentement kellha tarbija. Hu veru li din ir-relazzjoni ma kenitx ir-raguni ghalfejn tkisser iz-zwieg, pero gialadarba jezisti zwieg ir-relazzjoni ma' Grezzju Spiteri hi adulterju.

3. **Komunjoni tal-akkwisti**.

Il-komunjoni tal-akkwisti tinkludi:-

a. Kirja tad-dar matrimonjali li hu l-appartament numru tmienja (8), Blokk EB, tac-Cawla, Rabat, Ghawdex. Il-kirja nghatat fis-26 ta' Novembru 1993 ghal kera ta' Lm200 kull sena. Il-perit tekniku ghamel stima tal-kirja fis-somma ta' **€45,000** (fol. 320-321). Fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2010 il-perit tekniku spjega li l-kalkoli li ghamel huma fuq Lm60 kull xahar[1], il-kera li fil-fehma tieghu trid tithallas fis-suq ghal appartament bhal dak in kwistjoni. Kompla jghid:

[1] Lm720 fis-sena, ekwivalenti ghal €1,677.

*"Nikkonferma li l-kalkoli tieghi huma fis-sens illi jiena kkalkulajt* ***xi gwadan ser taghmel il-parti li ser izzomm il-proprjeta vis-a-vis il-konjugi l-iehor kieku kellu jikri fis-suq.****"* (fol. 432). Il-perit tekniku wasal ghac-cifra ta' €45,000 wara li kkalkola d-differenza bejn iz-zewg valuri ta' kera ghal 37 sena, li jirrifletti kalkolu tas-snin li hu mistenni li l-attrici tkompli tgawdi l-fond u bazat fuq l-eta' taghha. M'hemmx dubju li l-kirja hi wahda favorevoli ferm meta tqies li l-kera hi biss ta' **€465.87 fis-sena** u l-inkwilin ghandu wkoll dritt ghas-sussidju skond id-dhul gross li ghandu kull sena. Sahansitra minn zmien ghal zmien il-Gvern johrog ukoll skemi biex l-inkwilin jixtri l-fond. George Zammit, ufficjal tad-Dipartiment tad-Djar, xehed li: *"Kien hemm skema li l-fond setgha jinxtara bi prezz issussidjat pero din l-iskema hija maghluqa. Nghid li ghalqet fl-2009."*. Il-qorti ma taqbilx mal-mod kif il-perit tekniku kkalkola l-valur tal-kirja, ghalkemm hi interessanti, meta tqies:-

i. Il-kirja nghatat mill-Gvern. Il-paragun li ghamel il-perit tekniku hi ma' appartament li jinkera fuq is-suq fejn ma jezistux restrizzjonijiet dwar kemm jithallas kera.
ii. Fir-realta' l-konvenut m'huwiex jikri dar sabiex ighix fiha. Jirrizulta li l-konvenut bena dar fuq art komuni fix-Xaghra u mar ighix fiha.
iii. Ma tarax li kirja tista tigi valutata permezz ta' kalkolu tal-qliegh li qeghda taghmel il-persuna li ser tibqa' tgawdi l-kirja meta paragunat mal-kirja li trid thallas il-parti l-ohra kieku kellha tikri fond simili.

Wara li l-qorti qieset li l-attrici ghandha 42 sena, il-kera li thallas kull sena, il-kundizzjonijiet tal-kirja, u li fil-futur ghad jista' jkollha l-opportunita' li tixtri l-fond, qeghda *arbitrio boni viri* tistabilixxi valur ta' **hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000)**. Il-kirja ser tigi assenjata lill-attrici.

b. Porzjon art b'kejl ta' 394.24 metri kwadri maghrufa tal-Pergla sive tan-Nemus limiti tax-Xaghra, Ghawdex u li fuqha l-konvenut bena zewg garaxxijiet minghajr permess u minn fejn jopera n-negozju bl-isem Small Boy Garage. Jirrizulta li l-art tinsab barra zona ta' zvilupp. L-art inxtrat

b'kuntratt tal-5 ta' Dicembru 1996 pubblikat min-nutar Dr Paul George Pisani (fol. 108)[2]. Jidher li originarjament kienet saret applikazzjoni mal-PAPB ghall-hrug ta' permes ta' zvilupp (2562/86) li giet rifjutata. Permezz ta' sentenza li nghatat fid-19 ta' Gunju 1991, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kkundannat lil Victor Vella biex inehhi l-izvilupp u fin-nuqqas ikkundannatu jhallas penali ta' Lm25 ghal kull gurnata (fol. 372). Sussegwentement b'sentenza li nghatat fil-11 ta' Lulju 2001 il-qorti kkundannat lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm10,300 rapprezentanti penali ghal 412 jum bir-rata ta' Lm25 ghal kull gurnata. Ghalkemm saret petizzjoni lill-President ta' Malta sabiex il-multa tinhafer, permezz ta' ittra mibghuta mill-Avukat Generali u datata 2 ta' Frar 2009 il-konvenut gie nfurmat li t-talba tieghu giet michuda (fol. 349). Bhalissa hemm appell (numru 218/2001) pendenti b'riferenza ghall-applikazzjoni numru 4501/01 li hi *"to sanction existing garage"* (ara xhieda ta' Mark Cini ufficjal tal-Awtorita ta' Malta ghall-Ippjanar u Ambjent – fol. 378)[3]. Il-perit tekniku ghamel stima ta' **€90,000**, u kkonferma li l-art qeghda barra z-zona ta' zvilupp. Fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2010 il-perit tekniku spjega li l-istima tal-garaxxijiet kienet tirrifletti dak li sab fil-post. Ghalkemm il-konvenut jilmenta dwar l-istima li ghamel il-perit tekniku, il-qorti ma tistax tinsa li matul dawn is-snin kollha l-konvenut zamm il-qliegh kollu, hlief ghall-manteniment li kien qieghed ihallas pendente lite lil martu. Mill-provi li tressqu l-qorti hi moralment konvinta li l-qliegh minn dan in-negozju kien sostanzjali ghalkemm il-konvenut kien qieghed jipprova jpingi xenarju li *".... l-introtju fis-sena ta' Victor Vella huwa madwar erbat elef u seba' mitt liri Maltin (Lm4,700) kif jikkonfermaw il-karti tat-taxxa, li jhallilu profitt netti f'butu ta' madar erbat mitt liri (Lm400) fix-xahar."* (ara rikors li

---

[2] Minkejja dak li ddikjara fin-nota li pprezenta fid-9 ta' April 2008 (fol. 76), l-art inxtrat matul iz-zwieg. Ghalhekk hi inkluza fil-komunjoni tal-akkwisti. Inoltre fil-kuntratt jinghad li mill-prezz ta' Lm12,000, is-somma ta' Lm10,000 kienet qeghda tithallas mill-bank kif delegat mill-konjugi Vella. Il-qorti ghalhekk ma tifhimx kif il-konvenut qieghed isostni li l-prezz kien thallas qabel iz-zwieg. Il-qorti m'hijiex sodisfatta li mill-provi li tressqu l-prezz kien thallas qabel iz-zwieg.

[3] L-applikazzjoni 4501/01 kienet prezentata fit-28 ta' Awwissu 2001 u kienet ghall-hrug ta' outline development permit. Fid-9 ta' Mejju 2002 l-Awtorita cahdet it-talba (fol. 351).

pprezenta l-attur fit-18 ta' Jannar 2008). Irrispettivament ta' x'gie dikjarat fil-formoli tat-taxxa, il-qorti ma temminx li l-attivita kummercjali li ilu jmexxi l-konvenut ghal iktar minn ghoxrin (20) sena thalli qliegh mizeru ta' €931. Dan meta per ezempju l-istess konvenut spjega li jhaddem persuna full-time u jhallasha €186 fil-gimgha, tista' tghid kwazi daqs kemm jallega li jaqla' hu min-negozju. Il-qorti m'ghandix dubju li c-cifri li jsemmi l-konvenut m'humiex mera tal-verita. Kif wara kollox hi d-dikjarazzjoni li ghamel il-konvenut li n-negozju kien tah lit-tifel Johann (seduta tal-24 ta' Lulju 2009 – fol. 234).

c. Porzjon art b'kejl ta' 79.3 metri kwadri fi Triq Ghajn Qamar, Xaghra, Ghawdex li giet akkwistata permezz ta' att ta' divizjoni tal-11 ta' Ottubru 2001 pubblikat min-nutar Dr Paul George Pisani, u fuq liema art il-konvenut bena dar fejn mar ighix ma' wliedu. Il-fond hu Flat 2, Sant Anglu Flats, Triq Ghajn Qamar, Xaghra, Ghawdex u l-perit tekniku ghamel stima ta' **€175,000**. Taht dan il-fond hemm garaxx li skond il-perit tekniku ghandu valur ta' **€15,000**.

d. Mobbli fil-fond matrimonjali gew stmati mill-perit tekniku fis-somma ta' **€4,500**.

e. Ghodda u partijiet ta' vetturi li jinsabu gewwa Small Boy Garage gew stmati mill-perit tekniku Joseph Zammit fis-somma ta' **€19,369**. Ghalkemm il-konvenut isostni li l-istima tinkludi ghodda li kienet tal-konvenut qabel izzewweg, ma tressqux provi dwar dan. Inoltre, fir-rapport tal-perit tekniku ma jissemmix il-forn li hemm fil-garaxx. Il-konvenut xehed li l-forn kien inxtara ghall-prezz ta' **€16,305.61** (fol. 38). M'hemmx taghrif dwar is-sena meta nxtara l-forn b'dan li l-qorti qeghda *arbitrio boni viri* tiffissa valur ta' **€12,000**. Sehem l-attrici hu ghalhekk ta' **hmistax-il elf sitt mija u erbgha u tmenin (€15,684)**. Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-vettura Mercedes bin-numru WOW 101, zewg muturi u vettura Escort, il-qorti hi tal-fehma li l-attrici ma gabitx provi sodisfacenti dwarhom u ghalhekk m'hijiex tal-fehma li tista' tinkludihom bhala parti mill-gid tal-komunjoni tal-akkwisti.

f. Zwiemel tat-tigrija, Pin Tjiv u Junior Commit. Il-kovenut qal li ta l-ewwel inbiegh filwaqt li Junior Commit tah b'xejn lil certu Mark ghaliex kien wegga' (fol. 236). Jidher li dan kollu sar minghajr ma ntalab il-kunsens tal-attrici, ghalhekk m'ghandix tii mcahhda milli tircievi sehemha. Fin-nota li pprezentat l-attrici ddikjarat li l-konvenut kien sid ta' nofs indiviz taz-ziemel Pin Tjiv (fol. 48). Il-veterinarju Dr Frank Galea li gie nkarigat biex jaghmel stima taghhom, iddikjara li ghandhom valur ta' **€3,400** (fol. 384). Ghalkemm il-konvenut isostni li dawn m'ghadhomx proprjeta tieghu, il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq l-istima li ghamel il-veterinarju gialadarba ma jirrizultax li t-trasferiment kien sar bil-kunsens tal-attrici. Ghalhekk sehem l-attrici hu ta' **€1,600**.

g. Dghajsa. Il-konvenut isostni li jaghmel uzu minn dghajsa li hi tar-ragel ta' ohtu u li m'huwiex proprjetarju ta' dghajsa. It-tifel tal-kontendenti, Johann Vella, xehed: *"Fis-sajf ahna nhobbu l-bahar, immorru Kemmuna. Immorru bid-dghajsa tad-daddy. Il-papa ghandu speedboat. Hi capacity hamsa (5) min-nies u ghandha out board, mutur wiehed. Is-sena l-ohra bdejna mmorru bl-ispeedboat. Qabel konna mmorru b'dghajsa ohra. Il-papa kien xtara dghajsa."* (fol. 155). Madankollu f'dan ir-rigward il-qorti qeghda tpaci kwalsiasi ammont li jista' jkun dovut lill-attrici ma' kwalsiasi ammont li seta thallas mill-konvenut qabel iz-zwieg bhala depozitu fir-rigward tax-xiri tal-art li fuqhom bena l-garaxxijiet minn fejn jahdem[4].

Il-konvenut isostni li hemm dejn tal-komunjoni tal-akkwisti li ddeskrivih bhala:-

a. **€12,462** li ssellef minghand huh Mario Vella. Fin-nota li pprezenta fid-9 ta' April 2008 m'hemm l-ebda riferenza ghal dan l-allegat dejn (fol. 76). Madankollu jekk verament jezisti dan id-dejn, ghandu jaghmel tajjeb ghalih il-konvenut mill-qliegh tan-negozju li minnu l-attrici ma rat xejn hlief ghall-manteniment li kienet qeghda tircievi kull xahar.

[4] F'dan ir-rigward l-attrici xehedet li l-konvenut kien hallas is-somma ta' Lm4,000 (fol. 94).

b. **€11,130.35** li hu kont pendenti[5]. Dan is-self m'ghandu x'jaqsam xejn mal-komunjoni tal-akkwisti. Fin-nota li pprezentat l-attrici fil-15 ta' Frar 2008 fejn elenkat il-gid li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, in-negozju ma jissemmix. Jidher li l-konvenut kien diga' qieghed jahdem ghal rasu meta kien ghadu guvni. Dan id-dejn jidher li hu relatat man-negozju u ghalhekk ghandu jaghmel tajjeb ghalih il-konvenut.
Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-penali ta' Lm10,000 li l-konvenut gie kundannat ihallas mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, il-qorti tosserva li l-hlas kien dovut bhala piena ghal reat u l-konvenut naqas milli jwettaq l-ordni li nghatat mill-qorti fis-sentenza tad-19 ta' Gunju 1991. Mill-provi ma jirrizultax li l-attrici kellha x'taqsam mal-izvilupp li sar u fil-fehma tal-qorti dan id-dejn ma ghandux imur fuq il-komunjoni tal-akkwisti (Artikolu 1327 tal-Kodici Civili). Dan apparti l-fatt li jirrizulta li l-bini sar qabel iz-zwieg[6] u s-sentenza li nghatat fid-19 ta' Gunju 1991 (fol. 372) tghid car u tond li l-bini sar minn Victor Vella.

Wara li l-qorti qieset ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u wara li tqies li llum m'ghandix certezza jekk il-konvenut huwiex f'posizzjoni finanzjarja li jhallas lill-martu sehemha fi flus mill-immobbli li jinsabu fil-pussess tieghu[7] kif ukoll l-incertezza dwar il-permess ta' zvilupp fir-rigward tal-garaxxijiet Small Boy Garage, ser tiddeciedi b'dan il-mod:-

i. Il-kirja tal-appartament numru 8, Blokk EB, tac-Cawla, Rabat, Ghawdex bil-mobbli kollha fih ser jinghataw lill-attrici. B'dan li l-konvenut ghandu jedd ghas-somma ta' €12,500 bhala sehemu.
ii. Il-proprjeta Small Boy Garage, Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex tinbiegh b'irkant li jkun miftuh ghall-offerti mill-pubbliku, u r-rikavat jinqasam bejn il-

[5] Ara fol. 422-427.
[6] Ara deposizzjoni ta' Sonia Vella a fol. 94.
[7] Dan minkejja li fil-mori tal-proceduri d-difensur tieghu kien iddikjara li l-bank kien lest li jaghtih self ta' €104,821 biex jithallsu lil martu. Min-naha l-ohra fis-seduta tal-24 ta' Lulju 2009 xehed: *"Illum ma nistax nasal fi ftehim mal-mara. Minn fejn se ngib il-flus ? Flus m'ghandix; kieku ghandi jiena nirranga. M'ghandix ideja x'tista' tiehu l-mara. M'ghandix idea kif nistghu naqbdu u nirrangaw."* (fol. 237)

kontendenti f'sehem ugwali. B'dan li l-konvenut ser jinghata l-opportunita' li jhallas lil martu s-somma ta' hamsa u erbghin elf ewro (€45,000) sa mhux iktar tard mit-31 ta' Awwissu 2011, bhalha sehemeha mill-fond sabiex izomm din il-proprjeta u jsir proprjetarju assolut taghha. Il-bejgh b'licitazzjoni isir kif jiskadi dan it-terminu, f'data u hin li jigu appuntati mill-qorti wara li ssir talba permezz ta' rikors. Ghal finijiet tal-irkant l-istima tal-perit tekniku ghandha tapplika.

iii. Il-fond li jikkonsisti f'appartament numru 2, Sant Anglu Flats, Triq Ghajn Qamar, Xaghra, Ghawdex u l-garaxx ghandhom jinbieghu b'irkant li jkun miftuh ghall-offerti mill-pubbliku u r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti f'sehem ugwali. B'dan li l-konvenut ser jinghata l-opportunita li jhallas lil martu s-somma ta' hamsa u disghajn elf ewro (€95,000) sa mhux iktar tard mill-31 ta' Awwissu 2011, bhala sehemha mill-fond sabiex ikun jista' jzomm din il-proprjeta u b'hekk ikun proprjetarju assolut. Il-bejgh b'licitazzjoni jsir hekk kif jiskadi dan it-terminu, f'data u hin li jigu appuntati mill-qorti wara li ssir talba permezz ta' rikors. Fl-irkant ikun jista' joffri l-pubbliku.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tiddikjara l-firda personali bejn il-partijiet minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment kif ukoll minhabba htijiet attribwibbli liz-zewg partijiet kif spjegat fil-korp tas-sentenza.**

**2. Tiddikjara terminata l-komunjoni tal-akkwisti.**

**3. Tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti f'dawk l-oggetti dikjarati fil-korp tas-sentenza, u:-**

**a) Tassenja lill-attrici l-kirja tal-appartament EB, Flat 8, tac-Cawla Housing Estate, Victoria, Ghawdex flimkien mal-mobbli kollha li jinsabu mill-ghatba l-gewwa.**

**b) Tassenja lill-konvenut il-mobbli kollha li jinsabu fiz-zewg garaxxijiet minn fejn jopera n-negozju Small Boy Garage, Xaghra, Ghawdex u l-mobbli kollha li jinsabu fl-appartament numru 2, Sant Anglu Flats, Triq Ghajn Qamar, Xaghra, Ghawdex[8]. B'dan li l-konvenut ghandu jhallas ekwiparazzjoni ta' tlett elef mija u erbgha u tmenin ewro (€3,184) biex taghmel tajjeb ghad-differenza bejn il-valur ta' sehemu fil-kirja tal-appartament li giet assenjata l-mara u l-valur tal-mobbli li hemm fil-garaxxijiet u li gew assenjati lilu.**

**c) Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' elf u sitt mitt ewro (€1,600) bhala valur ta' sehemha miz-zwiemel Pin Tjiv u Junior Commit.**

**d) Tordna li l-proprjeta' minn fejn il-konvenut jopera Small Boy Garage, Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex tinbiegh b'irkant li jkun miftuh ghall-pubbliku, u r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti f'sehem ugwali[9]. Il-proprjeta ghandha tinbiegh bil-pussess battal. B'dan li l-konvenut qieghed jinghata l-opportunita' li jhallas lil martu s-somma ta' hamsa u erbghin elf ewro (€45,000) sa mhux iktar tard mit-31 ta' Awwissu 2011[10], bhalha sehemeha mill-fond sabiex izomm din il-proprjeta u b'hekk isir proprjetarju assolut. Il-bejgh b'licitazzjoni isir kif jiskadi dan it-terminu jekk ikun ghadu ma sarx il-hlas lill-attrici, f'data u hin li jigu appuntati mill-qorti wara li ssir talba permezz ta' rikors. Ghal finijiet tal-irkant l-istima tal-perit tekniku ghandha tapplika. Kwalsiasi kontijiet relatati ma' servizzi li hemm f'din il-proprjeta ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut sad-data li l-fond jibqa' fil-pussess tieghu. L-istess il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghal kwalsiasi hlasijiet li jistghu ikunu**

---

[8] B'hekk il-qorti qeghda tordna li kull parti tigi assenjata l-mobbli li jinsabu fil-pussess taghha fil-fond fejn qeghda tirrisjedi minghajr hlas.

[9] Il-bejgh ghandu jinkludi l-proprjeta kollha li kienet oggett tal-kuntratt ta' xiri tal-5 ta' Dicembru 1996 fl-atti tan-nutar Dr Paul George Pisani (fol. 108).

[10] Terminu li minn issa qieghed jigi dikjarat li hu perentorju u ghalhekk mhux prorogabbli jekk mhux bil-kunsens taz-zewg partijiet.

**dovuti minhabba li l-bini m'huwiex kopert minn permess ta' zvilupp[11].**

**e) Tordna li l-proprjeta li tikkonsisti f'appartament numru 2, Sant Anglu Flats, Triq Ghajn Qamar, Xaghra, Ghawdex u l-garaxx sottostanti ghandhom jinbieghu f'irkant li jkun miftuh ghall-pubbliku u r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti f'sehem ugwali. B'dan li l-konvenut qieghed jinghata l-opportunita li jhallas lil martu s-somma ta' hamsa u disghajn elf ewro (€95,000) sa mhux iktar tard mill-31 ta' Awwissu 2011[12], cifra li tirrifletti sehemha mill-fond sabiex ikun jista' jzomm din il-proprjeta u b'hekk ikun proprjetarju assolut taghha. Il-bejgh bl-irkant isir hekk kif jiskadi dan it-terminu u ma jkunx sar il-hlas lill-attrici, f'data u hin li jigu appuntati mill-qorti wara li ssir talba permezz ta' rikors. Kwalsiasi kontijiet relatati ma' servizzi li hemm f'din il-proprjeta ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut sad-data li l-fond jibqa' fil-pussess tieghu.**

**f) Tikkundanna lill-konvenut sabiex b'sehh mil-lum ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett mitt ewro (€300) fix-xahar bhala kumpens sakemm isir il-bejgh b'licitazzjoni tal-proprjeta li tinsab fi Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex jew sad-data li l-bini jitwaqqa skond liema ssehh l-ewwel. Dan il-hlas qieghed jinghata biex jaghmel tajjeb ghal fatt li ghalissa l-konvenut ser jibqa' fil-pussess tal-proprjeta u l-attrici mhux ser tkun qeghda tiehu xi beneficcju. F'kaz li l-konvenut jaghzel li jhallas lill-attrici s-somma ta' €45,000 kif dikjarat hawn fuq, b'sehh mid-data li tircievi l-hlas ma jkunx dovut iktar il-hlas ta' tlett mitt ewro (€300) fix-xahar.**

**4. Tichad il-hames talba tal-attrici.**

---

[11] Inkluz izda mhux limitat, il-kont mibghut mill-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datat 30 ta' Gunju 2009 (fol. 244).
[12] Terminu li minn issa qieghed jigi dikjarat li hu perentorju u ghalhekk mhux prorogabbli jekk mhux bil-kunsens taz-zewg partijiet.

**5. In forza tal-Artikolu 51 tal-Kodici Civili, tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48(1)(a) u (d) tal-Kodici Civili.**

**6. Tastjeni milli tiddeciedi dwar is-sitt talba peress li t-tfal huma maggorenni.**

**7. Tastjeni milli tqies is-sebgha talba peress li l-attrici giet assenjata l-kirja tal-appartament numru 8, Blokk EB, tac-Cawla, Victoria, Ghawdex.**

**8. Tinnomina lin-nutar Anna Maria Mizzi sabiex tippubblika l-att relattiv relatat mal-kirja tal-appartament gewwa Victoria, Ghawdex u l-immobbli l-ohra fl-eventwalita' li l-konvenut jaghzel li jzommhom ghalih, jew xi wiehed minnhom, u jhallas lill-attrici sehemha fi flus kif jinghad hawn fuq. Ghal dan il-ghan qeghda tinnomina lil Dr Simone Grech bhala kuratur sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci.**

**Spejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------